

Brussell, 6 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0059(NLE)

---

---

15254/1/18  
REV 1

SOC 764  
EMPL 570

**NOTA**

---

|                |   |
|----------------|---|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  |
| lil:           | Kunsill   |
| Nru dok. Cion: | 7416/18   |
| Suġġett:       | Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom<br>- Dikjarazzjoni mill-Bulgarija |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni mill-Bulgarija li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill EPSCO.

**Laqgħa tal-Kunsill Impjeggi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur,  
Brussell, 6 ta' Diċembru**

**Punt għal fuq l-aġenda: Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali  
għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom**

*Qbil politiku*

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tapprezza l-isforzi tal-Presidenza Awstrijaka u tappoġġa l-objettivi tar-Rakkomandazzjoni biex jittejjeb u jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni soċjali għall-persuni impjegati kollha, b'mod partikolari dawk li jaħdmu f'forom atipiċi ta' xogħol, u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

Madankollu, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija r-rakkomandazzjoni għandha tqis aħjar il-karatteristiċi nazzjonali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u, f'dan ir-rigward, tixtieq tafferma mill-ġdid it-tħassib tagħha dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura formali tal-persuni li jaħdmu għal rashom, prevista f'§ 10 tagħha, għall-mard okkupazzjonali u l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, anki fuq bażi volontarja. Din tikkontradixxi l-prinċipji bażiċi tal-mudell ta' assigurazzjoni Bulgaru, fejn dawn ir-riskji huma inerenti biss għall-impjegati, u ser tagħmilha impossibbli li l-pajjiż jirrispetta din il-parti tar-rakkomandazzjoni fil-prattika. It-tħassib huwa relatat ukoll mal-fatt li, minkejja n-natura mhux vinkolanti tagħha, ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi l-elaborazzjoni minn kull Stat Membru, fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni tagħha, ta' pjan għall-implimentazzjoni tagħha u din l-implimentazzjoni ser tiġi monitorjata fil-kuntest tar-rappurtar tas-Semestru Ewropew.

Għal dawn ir-raġunijiet, sabiex ma timblukkax l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, li timplimenta prinċipji bażiċi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ir-Repubblika tal-Bulgarija tesprimi l-appoġġ tagħha għar-Rakkomandazzjoni iżda tixtieq tinkludi din id-dikjarazzjoni mal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill, li tikkonferma l-inkompatibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom għall-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-mard okkupazzjonali mal-mudell ta' assigurazzjoni nazzjonali.

---